GUDJA

Minuti tal-għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 18 t'Ottubru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużati: | Kunsillieri; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 19/6 (23/09/2010)
    a. Punti mqajjma mill-minuti

2. Tenders(għotja ta' kuntratti):-
    a. Tender GLC/05/2010 – Street sweeping of urban roads
    b. Tender GLC/06/2010 – Upkeep of public convenience
    c. Tender GLC/07/2010 – Open skip service
    d. Tender GLC/08/2010 – Bulky Refuse Collection

3. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 19/6 (23/09/2010)**

1.1 Il-minuti tat-23 ta' Settembru 2010 li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Mill-minuti.

1.2.1 Tema 2.1.1. Gabbani għal waqt il-festi tal-Gudja. Saret referenza għad-depożitu ta' €50.00 u ġie spjegat li l-ispejjeż tal-Kunsill sabiex jakkomoda dawn il-gabbani għal waqt il-festi huma kbar meta wieħed iqis l-ispejjeż ta' tindif li jkun meħtieġ bħala pagament żejjed lill-kenniesa, ġbir ta' skart mormi fil-madwar u bnadi oħra. Ġewwa l-Gudja hawn tlett festi u għalhekk il-Kunsill anke meta jitlob dan id-depożitu ta' €50.00 ikun ukoll joħroġ flus minn ġewwa sabiex jagħti ambjent xieraq u jagħmel l-amministrazzjoni meħtieġa.

**2.0 Tenders(għotja ta' kuntratti):-**

2.1.0 Tender GLC/05/2010 – Street sweeping of urban roads

2.1.1 Lista ta' tenderers:-

a. Wilson Mifsud – Dusfim, Qolla Street, Żebbuġ - €18290.00 (manual & mechanical)

b. Alexander Fenech – 06, St. Francis House, Coss Square, Mellieħa - €23800.00 (manual)
c. Gaetano Galea – Amanda 47, Triq ta' Rqajja, Safi - €17470.00 (manual)

d. Christian Galea – Casa Galea, Triq Santa Marija, Magħtab - €20000.00 manual & €59,000.00 mechanical

e. Innovative Projects Ltd – 19, Censu Borg Street, Ħamrun - €23400.00 (manual & mechanical)

f. Jonathan Zammit – 42, Ang Joyce, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba - €22650.00 plus VAT manual & €25.00 plus VAT every 100m mechanical work

2.1.2 Il-Kunsill ra u stħarreġ dwar il-lista ta' l-offerti hawn indikati kif ukoll eżamina d-dokumenti meħtieġa u qabel li l-aħjar offerta hija dik ta' Wilson Mifsud €18,290.00 li tinkludi road sweeper kif mitlub mill-Kunsill

2.1.3 Il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lis-Sur Wilson Mifsud u qabel ukoll li nhar it-Tlieta 19 t'Ottubru 2010 issir laqgħa miegħu sabiex jiġi assigurat li l-kuntrattur għandu l-makkinarju u r-riżorsi meħtieġa u jiġi preżentat pjan ta' ħidma tal-kuntrattur li jkun jissodisfa lill-Kunsill.

2.2.0 Tender GLC/06/2010 – Upkeep of public convenience

2.2.1 Lista ta' tenderers:-

a. Alexander Fenech – 06, St Francis House, Cross Square, Mellieħa - €11200.00

b. Christian Galea – Casa Galea, Triq Sta Marija, Magħtab - €8400.00

c. Ricky Caruana – 15, Triq il-Warda, Żurrieq - €9880.00

d. Marica Vassallo – 02, Madonnina, Triq Guzeppi Casha, Luqa - €8700.00

e. Gaetano Galea – 47, Amanda, Triq Ta' Rqajja, Safi - €9500.00

f. Claudia Magro – Lormar, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola - €10800.00

2.2.2 Il-Kunsill ra u stħarreġ dwar il-lista ta' l-offerti hawn indikati kif ukoll eżamina d-dokumenti meħtieġa u qabel li l-aħjar żewġ offerti huma dawk ta' Christian Galea (€8400) u ta' Marica Vassallo (€8700).

Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa nhar it-Tlieta 19 t'Ottubru 2010 ma' dawn iż-żewġ offerenti sabiex tintgħażel l-aħjar offerta fl-aħjar interess tal-Kunsill.

2.3.0 Tender GLC/07/2010 – Servizz ta' open skips

2.3.1 Lista ta' tenderers:-

a. Raymond Zammit obo J & R Skip Hire – 37, Hilltop, Triq il-Menqa Safi – terrapin €73.00, njam €47.50, skart domestiku €75.00, b'kull tip ta' materjal €89.00 – volum 6yrd$^3$

b. Brian Borg – Crystal Heart, Triq il-Wied, Żurrieq - €2664.00 three skips per month for twelve months. This is calculated at €74.00 per open skip mixed. Extra skip for contruction €59.00 each, extra skip for wood, trees & grasses €47.00 each

c. Green Skip Services Ltd - Administrative Building, Ta' l-Imriekeb, Ramla Road Magħtab - €90.86 per skip, €4725.00 estimated on 52 skips per year. Option 2 mixed waste at €20.00 +VAT per ton, rubble at €3.57 +VAT per ton. NB: tipping charge not inclused but will be charged according weigh bridge chits after any recycable material has been removed. For skip only €37.00 +Vat = €43.66

2.3.2 Il-Kunsill ra u stħarreġ dwar il-lista ta' l-offerti hawn indikati kif ukoll eżamina d-dokumenti meħtieġa u qabel li l-aħjar offerta hija dik tas-Sur Brian Borg. Għalhekk il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lis-Sur Brian Borg.

2.4.0 Tender GLC/08/2010 – Bulky Refuse Collection

2.4.1 Lista ta' tenders:-

a. Jonathan Zammit – 42, Ang Joyce, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba - €3.70 plus VAT for any two items, €4.75 plus VAT for over two items

b. Christian Galea – Casa Galea, Triq Santa Marija, Magħtab - €5.00 per collection

c. Alexander Fenech – 06, St. Francis House, Cross Square, Mellieħa - €3.60 up to a maximum of four items. Can be collected daily.

d. Emanuel Mizzi – Emador, Triq il-Gudja Għaxaq - €3.50 per call not more than three items per house call.

2.4.2 Il-Kunsill ra u stħarreġ il-lista ta' l-offerti hawn indikati u eżamina d-dokumenti meħtieġa u qabel li l-aħjar offerta hija dik tas-Sur Emanuel Mizzi għat €3.50 (VAT Included) li jiġbor sa mhux aktar minn tlett oġġetti f'daqqa minn kull lok (house call).

Il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lis-Sur Eamnuel Mizzi filwaqt li l-offerent l-ieħor is-Sur Alexander Fenech jinżamm fuq il-lista bħala second best bidder lil-Kunsill ikun jista jitlob s-servizz tiegħu kemm il-darba li s-Sur Emanuel Mizzi ma jkunx jista jew jonqos li jagħti s-servizz meħtieġ u mitlub mill-Kunsill.

3.0 Għeluq tal-laqgħa

3.1 Xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li jitlob il-Perit sabiex jagħmel rapport dwar xogħol meħtieġ fil-bini tal-Kunsill dwar bdil ta' travi kif ukoll xogħol fil-kamra t'isfel sabiex wara li jirċievu dan ir-rapport joħorġu l-quotations kif ikun meħtieġ.

3.2 Bieb tal-bejt. Il-Kunsill qabel li jintalbu quotations dwar dan il-bieb.

3.3 Ħofra fi Triq William Baker quddiem l-istationery Emtes. Il-Kunsill qabel li din il-ħofra timtela bil-konkos u jgħalhekk qabel li jinxtara l-konkos meħtieġ.

3.4 Xogħol ta' patching fi Triq ta' fejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Luqa. Il-Kunsill qabel li jitlob il-perit sabiex jagħmel stima tax-xogħol meħtieġ u b'hekk il-Kunsill ikun jista jieħu d-deċiżjoni skond il-finanzi disponibbli.

3.5 Tappieri fi Triq Bir Miftuħ Gudja. Is-Sur Baldacchino talab u l-Kunsill qabel li jiġu assenjati miegħu żewġ ħaddiema tal-Kunsill sabiex jiġu preparati sewwa l-ħofor tal-arbli tan-nar ġewwa din it-triq.

3.6 Tiżjin tal-Milied fir-roundabout Dawret il-Gudja, qrib Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill qabel illi jinkiseb tagħrif dwar kuntratturi li jkunu jistgħu jagħmlu xogħol ta' trenching taħt l-art sabiex kull kommunikazzjoni ta' l-eletriku tkun tista' tgħaddi minn taħt l-art u mhux li tinqala t-triq. Wara jinkisbu quotations kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob il-pariri tan-Nexos Lighting sabiex jinkiseb meter ta' l-elettriku b'mod temporanju u b'hekk il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż żejda.

3.7 Cameras dwar is-sigurta ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir stħarriġ sabiex jiġi stabbilit l-aħjar metodu u prezz li bih jinkisbu cameras għas-sigurta ġewwa l-Gudja speċjalment li l-Kunsill innota li s-serq mid-djar privati dan l-aħħar żdied.

Aġġornament

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010 fil-5.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________